MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2652/2002

**Dingli Co International Limited
bhala mandatrici tas-socjeta estera
The Performing Right Society Limited
ta' Londra**

**Vs**

**Porto Azzurro Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlieta u tletin lira Maltija u disgha u disghajn centezmu (Lm33.99) kwantu ghal Lm29.56 Royalty dovuta bil-quddiem in konnessjoni mal-licenzja Nru. 9819 rilaxxjata mis-socjeta attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment Porto Azzurro Resort Club, Xemxija u Lm4.43 Taxxa Fuq il-Valur Mizjud ghall-perjodu mis-6 ta' Mejju 2002 sal-5 ta' Mejju 2003.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas dehret ghas-seduti.

Semgha lil John Dingli in rapprezentanza tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut. Ra d-dokumenti ezebiti.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' tlieta u tletin lira Maltija u disgha u disghajn centezmu (Lm33.99), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez [mhux inkluzi d-drittijiet legali] huma kollha ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

--------------------------------TMIEM--------------------------------